8. *Il-poeta ta' għada*—Ġ. Chetcuti.
9. Solo—*Ix-Xemx ta' Qalbi*—(Ikanta t-tifel A. Cremona).
10. *Il-Ħidma għall-Paċi*—Ġ. Zarb Adami.
11. Overture—*Califf of Bagdad*—F. A. Bioeldieu.
12. *Helsen*—Rev. Patri A. Born, O.P., C.F.
13. Solo—*Ave Maria*—Schubert (Ikanta t-tifel A. Cremona).
14. *Humanitas*—Dun Frans. Camilleri.
15. Orkestra—*In a Monastery Garden*—Ketelbey.

Innu Malti
God Save the King.

Iddeqq l-"Amateur Orchestra Mozart" taħt it-tmexxija ta' Mro. Sa.v. Caruana, B.Sc., M.D.

Is-Sala hija mislufa, bil-ħlewwa kollha mill-Kumitat ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Belt.

---

## NHAR L-AKKADEMJA F'ĠIEH IL-WISQ REV. MONS. C. PSAILA (DUN KARM)

2 TA' LULJU, 1944.

*Ta'* ALBERT M. CASSOLA

Il-frieghi tiegħek hawn, DUN KARM, ħaddara;
Kollha mdawrin maz-zokk li jsus feħħan:
Il-lejla ngħabret din il-kotra bl-għan
Li tqim Poēta u Saċerdot ta' ħrara.

Int fit-tinwib tal-fergħat tiegħek tara
It-torċa tixgħel bl-iżjed nar setgħan
Tal-Poeżija mżejna bir-raħan!
U nistqarruh bis-sedq bħal fl-aħħar qrara

Li ridt tkun Int biex tqajjem mill-imwiet
L-Ilsien li diem midfun għal snin bla għadd
Fil-qabar fejn bla sabar żamm is-skiet—

Sakemm, sakemm bi nkejja ta' kullħadd
Raddejt l-Ilsien, mistejqer, lill-ulied!
Neżżajtlu l-kefen, tajtu l-ilbies tal-Ħadd!



# INKWIET FIL-FAMILJA

*(Dramm Soċjali fi 3 Atti)*

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

### PERSUNAĠĠI

**Il-Ġeneral George Fitzroy.**
**Klotilde,** oħt il-Ġeneral.
**Sonja,** bint il-Ġeneral.
**Oliver,** bin il-Ġeneral.
**Sur Tumas,** ħabib tal-Ġeneral.
**Robert Stanley,** Tabib Militari.
**Rudolf De Vere,** Kaptan.
**Imħallef.**
**Kurunell.**
**Rikardu,** seftur.

Nies oħra: Fiżżjal, żewġ Surġenti, Waiter, Seftura, Ħbieb fil-Club.

*Id-dramm huwa ġrajja ta' żmienna.*

*L-ewwel att jiġri fid-dar tal-Ġeneral; il-palk juri sala b'tagħmira mobbli kif imiss, fost il-għamara jinħtieġu: gabinett-radju, pjanu, settee, imwejjed bil-važetti tal-fjuri fuqhom.*

*It-tieni att jiġri fi Club.*

*Il-palk jista' jinqasam fi tnejn: in-naħa ta' quddiem, sala u n-naħa ta' wara bar. Fis-sala jidhru, fost ħwejjeġ oħra, pultruni, imwejjed bi qniepen fuqhom, u mejda bil-gazzetti.*

*Fil-bar ikun hemm bank tax-xorb, barman warajh u ħafna ħbieb jixorbu u jitkellmu.*

*It-tielet att isir fid-dar tal-Ġeneral fis-sala ta' l-ewwel att.*

### L-EWWEL ATT

*Sala fid-dar tal-Ġeneral, fiha settee, pultruni, imwejjed bil-važetti tal-fjuri fuqhom, gabinet-radju fuq naħa waħda u pjanu fuq in-naħa l-oħra. Fuq il-lemin hemm bieb li jagħti għal swali oħra u fuq ix-xellug bieb ieħor li jagħti għad-daħla tad-dar.*

*Il-Ġeneral bil-qiegħda fuq pultruna ma' ġenb ir-radju, jaqra ittra, is-Sinjura Klotilde fuq is-settee taħdem il-kalzetta u Sonja ddoqq il-pjanu.*